C/2024/1129

25.1.2024

Komunikazzjoni tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u produzzjoni tal-idrokarburi

(C/2024/1129)

Is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fis-segmenti tal-blokok A18b u B16c, kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament Minerarju (Mijnbouregeling).

Is-segment tal-blokka A18b huwa delimitat biċ-ċrieki l-kbar bejn il-pari vertiċi A-B, B-C, C-D, D-E, E-F, F-G, G-H, H-I, I-J, J-K u K-A.

Is-segment tal-blokka A18b ikopri erja ta' 237.5 km².

Il-vertiċi huma definiti kif ġej:

Vertiċi	°	'	" E	°	'	" N
A	3	39	54,790	55	9	57,462
B	3	42	4,505	55	9	57,464
C	3	42	4,519	55	3	18,444
D	3	53	34,825	55	3	18,452
E	3	53	34,824	55	3	42,459
F	3	54	56,465	55	7	32,516
G	3	53	29,722	55	8	38,575
H	3	53	29,811	55	9	57,472
I	3	59	54,820	55	9	57,476
J	3	59	54,842	54	59	57,456
K	3	39	54,811	54	59	57,442

Is-segment tal-blokka B16c huwa delimitat biċ-ċrieki l-kbar bejn il-pari vertiċi L-M, M-N, N-O, O-P u P-L.

Is-segment tal-blokka B16c ikopri erja ta' 129.8 km².

Il-vertiċi huma definiti kif ġej:

Vertiċi	°	'	" E	°	'	" N
L	4	10	24,837	55	9	57,484
M	4	19	54,851	55	9	57,491
N	4	19	54,862	55	4	57,480
O	3	59	54,831	55	4	57,466
P	4	3	30,970	55	5	10,367

Il-vertiċi msemmija hawn fuq huma definiti bil-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-sistema ETRS89.

Is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan qed jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjoni kompetittiva għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fis-segmenti tal-blokok A18b u B16c fil-blata kontinentali tan-Netherlands, b'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u l-Artikolu 15 tal-Att Minerarju (Mijnbouwwet).

Is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika hu l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1) u (2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att dwar il-Minjieri.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu matul it-13-il ġimgħa wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jintbagħtu lil:

Email: mijnbouwvergunningen@minezk.nl

The State Secretary for Economic Affairs and Climate Policy

attn.: Mr J. Visser, Directorate for the Transition in the Use of Deep Underground Resources

Bezuidenhoutseweg 73
Postbus 20401,
2500 EK Den Haag
NETHERLANDS

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati.

Fil-prinċipju, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed matul it-12-il xahar ta' wara dak il-perjodu.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi ċċempel lill-uffiċċju MABEL fuq dan in-numru tat-telefown: +31 703796970.